**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Ottubru 2018

Rikors Guramentat numru : 210/08 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. ILLI hija zzewget lill-intimat f'Malta fit-tmienja ta' Lulju tas-sena elf disa` mija u disghin (08/07/1990), liema zwieg li jgib in-numru elf mija wiehed u tmenin tas-sena elf disa` mija u disghin (1181/1990); (Dokument A);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu erbat' itfal u cioe` K ta' sbatax-il sena, R ta' tmien snin, E ta' seba` snin u J ta' sentejn;
3. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, minacci u ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti

martu, u dana stante il-problema ta' alkohol eccessiv li ghandu l-intimat, liema problema f'dan il-kaz iggib maghha wkoll problemi ta' dipressjoni u anomaliji psikologici ohrajn.

4. Illi l-intimat naqas mir-responsabilitajiet tieghu ta' ragel mizzewweg illi jmantni lil martu u lil uliedu minuri u ghaldaqstant ir-rikorrenti giet kostretta illi tiddependi ghall-ghixien taghha u tal-istess minuri mill-Assistenza Socjali.
5. Illi r-rikorrenti tixtieq li tissepara *ad mensa et thoro* minn mal-intimat u konsegwentement issehh ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom;
6. Illi r-rikorrenti tixtieq ukoll illi jigi dikjarat li bhala konsegwenza tas-suriferit l-intimat iddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
7. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proceduri permezz tad-digriet ta' dina l-Qorti datat ghaxra ta' April tas-sena elfejn u tmienja (10/04/2008) u numberat hames mija disgha u hamsin sbarra elfejn u tmienja (559/2008), kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "B";

Talbet ghar-ragunijiet premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-konjugi B ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri K, R, E u J esklussivament f'idejn ir-rikorrenti;
3. Tittermina u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u ghalhekk tghaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti, fi kwoti mhux necessarjament ugwali bejn il-kontendenti, okkorrendo bil-hatra ta' Nutar biex jippubblika l-att pubbliku u kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci;
4. Takkorda lill-istanti manteniment xieraq ghaliha u ghal uliedha minuri u tordna lill-intimat sabiex ihallas l-istess manteniment;

5. Tillikwida somma rapprezentanti hlas ta' arretrati ta' manteniment ghar-rikorrenti u ghall-minuri u tordna lill-intimat ihallas din is-somma kif likwidata minn dina l-Qorti;
6. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha tibqa` tghix fid-dar matrimonjali u cioe` Block D, Flat 5, Binja tal-Isperanza, Triq il-Biedja, Mosta ad eskluzzjoni tal-inimtat;
7. Tapplika kontra l-intimat interament jew inparti is-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana bhala konsegwenza tal-htijiet manifesti tal-intimat bit-tkissir ta' dan iz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut CB li permezz taghha eccepixxa : (fol 20)

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti ma jaqbilx li tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero l-attrici hija adamanti dwar dan. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dan, l-attrici ghandha tinsab responsabbli tat-tifrik taz-zwieg kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li dwarhom l-esponent qed jiddeduci talbiet opportuni f'kontrotalba hawn annessa;
2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, il-kura u l-kustodja tal-erbat itfal ghandha tibqa` kongunta ghand iz-zewg partijiet;
3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, m'hemmx oppozizzjoni f'kaz li tigi dikjarata s-separazzjoni bejn il-partijiet;
4. Illi fir-rigward tar-raba` talba, l-esponenti jirrileva illi hu ma jahdimx u prezentement mhuwiex f'pozizzjoni li jahdem filwaqt li l-attrici tista` tmur tahdem;
5. Illi fir-rigward tal-hames talba, l-attrici hadet ghajnuna mill-gvern u gieli hadmet u allura hemm oppozizzjoni ghal tali talba;
6. Illi fir-rigward tas-sitt talba, din ghandha tigi michuda ghax hi bla bazi legali;

7. Illi rigward is-seba` talba, l-esponent jopponi u tali talba ghandha tigi michuda stante li bla bazi legali;
8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attrici AB ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal- konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Lulju, 1990 u minn dan iz-zwieg huma ghandhom erbat' itfal minuri, K ta' 17 -il sena, R ta' 8 snin, E ta' 7 snin u J ta' sentejn;
2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u dan partikolarment minhabba l-insistenza tal-attrici u l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibbli minhabba nuqqas ta' ghajnuna u "support" u abbandun u ingurji gravi da parti tal-attrici A B.
3. Illi l-esponenti ghamel minn kollox sabiex issalva z-zwieg ta' bejn il-partijiet, pero` l-attrici kompliet bl-atteggjament ta' abbandun taghha fil-konfront tal-konvenut kif ukoll fil-konfront ta' uliedu.
4. Illi l-attrici kienet intransigenti fit-talbiet taghha ta' kif ghandha tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti u mohha biss biex tohloq problemi lill-konvenut.
5. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn din l-Qorti;
6. Illi l-esponenti qed jijpprevalixxi ruhu mill-fakolta lilu moghti u jressaq din il-kontrotalba ghat-talbiet attrici skont il-ligi.
7. Illi l-fatti hawn dikjarati jafhom C B personalment.

Talab li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet imputabbli lill-intimata billi hija rrendiet ruhha hatja fil-konfront tar-rikorrenti ta' sevizzi, ingurji gravi u abbandun kif ukoll minhabba f'inkompatibilita` ta' karattru.

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti ghalih u ghal erbat itfal minuri retta alimentarja f’dak l-ammont u taht dawk il-modalitajiet li din l-Qorti jidhrilha xierqa.
3. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-intimata, u dan okkorrendo, ghall-finijiet ta’ din it-talba bl-opera ta’ periti nominandi u billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-attrici tigi kkunsisdrata li tkun hatja tal-firda b’tali mod li l-attrici titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-konvenut.
4. Tordna d-dekadenza tal-intimata mill-jeddijiet konjugali kif mahsub fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
5. Tikkundanna lill-intimata tikkonsenja lir-rikorrenti l-beni dotali u parafernali taghha.
6. Tafda lil C B l-kura u l-kustodja ta’ uliedhom minuri K, R, E u J.
7. Tapplika kontra martu interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
8. Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta l-attrici fl-eventwali kontumaci taghha fuq l-att ta’ divizjoni relattiva f’jum u hin u post stabbilit minn dina l-Qorti.
9. Tikkundanna lill-attricii sabiex tirrifondi kull somma li hi tkun irceviet bhala manteniment ghaliha *pendente* lite kif ukoll tirrifondi lil zewgha nofs l-ammonti imhallsa minnu biex jithallas “loan” sal-jum tas-sentenza.
10. Tawtorizza lill-eccipjent jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici.

Bl-ispejjez kontra A B ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata ta’ A B li permezz taghha eccepiet :

Illi t-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda stante :

1. Illi filwaqt li l-esponenti taqbel li z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment, dana huwa dovut esklussivament ghall-htijiet imputabbli lill-konvenut zewgha, li rrenda ruhu hati ta’ sevizzi, minacci u ingurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti martu, u dana stante il-problema ta’ alcohol eccessiv li ghandu l-intimat, liema problema f’dan il-kaz iggib maghha wkoll problemi ta’ dipressjoni u anomaliji psikologici ohrajn;
2. Illi stante li l-konvenut rikonvenzjonant huwa responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, huwa ddekada mill-jedd tieghu li jircievi manteniment minghand martu u ghaldaqstant l-esponenti m’ghandhiex tigi ordnata u kkundannata thallas manteniment lill-konvenut. Rigward il-manteniment tal-minuri jinghad illi diga hija l-esponenti li tahseb ghall-htigijiet kollha taghhom, minghajr l-ebda ghajnuna min-naha ta’ zewgha u ghalhekk hija zzomm ferm t-talba taghha li zewgha jigi ordnat ihallas manteniment ghal uliedhom.
3. Illi l-esponenti taqbel illi ghandha ssir il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, izda ssostni li hija m’hijiex hatja ghat-tkissir taz-zwieg u ghalhekk ma tilfitx il-jedd ghall-akkwisti maghmula bil-hila ta’ zewgha jekk dawn effettivament saru;
4. Illi ma jezistu l-ebda cirkustanzi li jiggustifikaw ir-raba’ u s-seba’ talbiet rikonvenzjonali, u li semmai dawna s-sanzjonijiet ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut;
5. Illi l-esponenti m’ghandhiex beni parafernali u dotali tal-konvenut fil-pussess taghha. Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jindika liema oggetti huma beni dotali u parafernali tieghu u jgib il-prova ta’ dan.
6. Illi l-konvenut m’huwiex kapaci jiehu hsieb uliedu stante illi huwa mikdud bil-problemi ta’ alcohol eccessiv imhallat mad-droga, u li minkejja l-ghajnuna estensiva li diga nghatatlu huwa ma ghelibx dawn il-problemi. Illi l-konvenut qatt ma fittex l-ahjar interess tat-tfal. Illi inoltre dejjem kienet l-esponenti li hadet hsieb uliedha u l-bzonnijiet kollha taghhom.

7. Illi l-esponenti ma rceviet l-ebda manteniment minghand zewgha la ghaliha u lanqas ghal uliedhom minuri kemm ilhom de facto separati.
8. Illi stante li l-konvenut rikonvenzjonant huwa unikament u esklussivament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn huwa ghandu jibqa' jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-attrici, anzi l-esponenti zzomm sod it-talba taghha li tibqa tghix fid-dar matrimonjali ma' uliedha, izda bl-eskluzjoni ta' zewgha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut rikonvenzjonant.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti numerużi esebiti;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Barbara O'Brien u l-Perit Legali Dr. Anna Mallia;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Mejju 2018[1], fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[2].

Rat illi l-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali bejniethom u effettivament resqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Melvin Polidano iddatat it-3 ta' Mejju 2018.[3]

[1] Digriet fl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi innumerat 210/08/1AL, fol. 29
[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Kopja legali tiegħu hija esebita fol. 655

Rat illi permezz ta’ nota ppreżentata mill-attriċi fid-29 ta’ Mejju 2018[4], l-attriċi ċediet it-talbiet tagħha min-numru tnejn (2) san-numru sebgħa (7) filwaqt illi żammet ferm l-ewwel talba tagħha għall-pronunzjament tad-divorzju.

Rat illi permezz ta’ nota ppreżentata mill-konvenut fid-5 ta’ Lulju 2018[5], il-konvenut ċeda it-talbiet rikonvenzjonali tiegħu min-numru tnejn (2) san-numru għaxra (10) filwaqt illi żamm ferm l-ewwel talba tiegħu għall-pronunzjament tad-divorzju.

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għas-seduta odjerna sabiex tingħata sentenza dwar l-ewwel talba tar-rikors promotur u tal-kontro-talba.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, sostitwita b’kawża ta’ divorzju. Il-partijiet konjuġi B kienu żżewġu nhar it-tmienja (8) ta’ Lulju elf disa’ mija u disgħin (1990)[6].

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta’ divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f’kawża ta’ separazzjoni, li f’kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b’rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f’dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta’ divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni tas-separazzjoni f’divorzju, liema talba kienet saret permezz ta’ rikors iddatat is-17 t’Ottubru 2013.

Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

[4] Fol. 667

[5] Fol. 669

[6] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit fol. 5

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[7]

Mill-eżami tal-provi, jirriżulta illi wara t-twelid tar-raba' wild tal-konjuġi B ossia J illi twieled fl-2005, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw flimkien minkejja li għal xi żmien kien baqgħu it-tnejn jirrisjedu fid-dar matrimonjali. Il-partijiet ilhom ma jgħixux flimkien mill-inqas mid-data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna u cioe mill-14 ta' Mejju 2008. F'dak iż-żmien il-konvenut kien qiegħed jirrisjedi fid-Dar Żerniq immexxija mill-Aġenzija Sedqa u sussegwentement beda jirrisjedi fl-indirizz 130, Triq Brared, Birkirkara[8]. L-attriċi min-naħa tagħha kienet u għadha tgħix fid-dar ġja matrimonjali ġewwa l-Mosta. Huma baqgħu jgħixu separatament sal-preżenti.

It-talba għad-divorzju ġiet intavolata fl-14 ta' Mejju 2008. Skond il-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom, senjatament l-Artikolu 4 *"il-partijiet qegħdin jiddekadu mid-dritt tal-manteniment mingħand xulxin."* Dwar il-manteniment tal-ulied minuri il-partijiet stipulaw permezz tal-Artikolu 5.a.vii *"Il-partijiet jaqblu illi stante l-fatt li r-raġel se jitrasferixxi lil martu nofs id-dar matrimonjali huwa ma huwiex se jħallas manteniment għal minuri E u J filwaqt li kwalunkwe spejjeż inkluż dawk tas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri E u J għandhom jitħallsu esklussivament mill-mara."*

---

[7] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.
[8] Dana kien l-indirizz fejn huwa kien qiegħed jirċievi l-benefiċċji soċjali, fol. 138.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju u dana stante illi, oltre li l-partijiet ilhom *de facto* separati għal iktar minn għaxar snin, m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment tagħhom jew ta' uliedhom minuri;

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel talba rikonvenzjonali u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet konjuġi B nhar it-tmienja (8) ta' Lulju elf disa' mija u disgħin (1990).

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' talba tal-attriċi u tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar talba rikonvenzjonali tal-konvenut stante illi dawna ġew ċeduti.

[3] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, dawna jibqgħu mingħajr taxxa, bejn il-partijiet.